MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 96/2004

Penelope Susan Dix

Vs

Is-socjeta HD Holdings Limited

Illum it-Tlieta, 20 ta’ Marzu, 2007.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li permezz taghha ppremettiet li permezz ta’ konvenju datat 1 ta’ April 2004, kif imgedded permezz ta’ skrittura ohra tal-5 ta’ Awwissu 2004, is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi favur l-attrici d-dar numru mija u tnejn u hamsin (152), Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, libera u franka, versu l-prezz u kondizzjonijiet l-ohra stipulati fl-istess konvenju.

Skond l-istess skrittura il-kuntratt finali kellu jsir sal-20 ta' Awwissu 2004, izda s-socjeta konvenuta naqset milli tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-atti finali. Sussegwentement, permezz ta' ittra ufficjali prezentata fl-20 ta' Awwissu 2004 u notifikata lis-socjeta konvenuta, din giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-atti ta' akkwist.

Peress li minkejja tali interpellazzjoni s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti, kellhom isiru dawn il-proceduri.

Talbet ghalhekk l-attrici sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija marbuta li tersaq ghall-kuntratt ta' bejgh u trasferiment tad-dar numru mija u tnejn u hamsin (152), Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, bl-ambjenti kollha ta' maghha, favur l-attrici, u kif inhi deskritta fil-konvenju.
2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex tersaq ghall-kuntratt relattiv ta' bejgh, liema kuntratt ghandu jigi ppubblikat min-nutar Dr. Michael Refalo, u ghal dan il-ghan tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' dan l-att.
3. Tahtar kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-istess socjeta konvenuta fl-eventwali kaz li tibqa' ma tidhirx fuq l-att finali relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Awwissu 2004.

Rat li s-socjeta konvenuta ghalkemm giet debitament interpellata naqset milli tiddefedni ruhha f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti ta' dan il-kaz huma s-segwenti:-

(a) Fl-1 ta' April 2004 il-kontendenti ffirmaw konvenju li bih is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li tbiegh lill-attrici l-

fond numru mija u tnejn u hamsin (152), Triq Marsalforn, Ghawdex.
(b) Il-konvenju gie estiz kemm-il darba (ara fol. 7, 39 u 42).
(c) Is-socjeta konvenuta ma ressqitx ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh.
(d) Fl-20 ta' Awwissu 2004 giet prezentata ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li giet debitament notifikata[1].
(e) Fis-17 ta' Settembru 2004 l-attrici pprezentat il-kawza odjerna.

2. Mill-provi jirrizulta bl-iktar mod ampju li l-attrici ghandha kull jedd li tinsisti li s-socjeta konvenuta tonora l-obbligazzjoni li assumiet permezz tal-konvenju tal-1 ta' April 2004 kif imgedded minn zmien ghall-iehor. Ma jirrizulta l-ebda gusitifikazzjoni ghalfejn is-socjeta konvenuta ma ressqitx ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment relattiv. Fis-seduta tal-lum l-avukat tas-socjeta konvenuta gharraf lill-Qorti li l-proprjeta' qeghda sservi bhala garanzija ghal dejn li ghandha l-kumpannija. Dan il-fatt pero' ma jfissirx li l-attrici m'ghandhiex id-dritt li ggieghel lis-socjeta konvenuta sabiex tonora l-obbligu taghha. Jekk imbaghad ma jkunx jista' jsir il-bejgh ghal xi raguni mputabbli lis-socjeta konvenuta bhala venditrici, l-attrici jkollha dritt li tfittex rimedji ohra.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici u konsegwentement:-

1. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija marbuta li tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh u trasferiment favur l-attrici tad-dar numru mija u tnejn u hamsin (152), Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex.

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh skond il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fil-konvenju, liema

[1] Fol. 9.

kuntratt ghandu jigi ppubblikat min-**Nutar Dr. Michael Refalo fit-23 ta' April 2007 f'12.00 p.m. fil-bini tal-Qorti ta' Ghawdex**.

3. Tahtar lil Dr. Angele Portelli bhala kuratrici sabiex tidher ghas-socjeta konvenuta fl-eventwalita' li din tibqa' ma tidhirx ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' xiri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------